# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LLD.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Novembru, 2000 .

**Avviz numru : 51/00G2(PC)**

**Perit Emanuel Vella .**

**Vs**

**Bull Properties Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur perit Emanuel Vella talab lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u wiehed u disghin lira maltin u ghaxar centemi (LM591.10) dovuti lilu bhala hlas professjonali ta' perit in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira maltin u hames centezmi (L353.05c) in konnessjoni mas-sit fi triq gdida fi Triq Seguna, Sannat, Ghawdex u in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira maltin u hames centezmi (LM238.05c) in konnessjoni mal-fond numru sitta u tletin (36) Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru elf disa' mija disgha u disghin (1999) u bl-imghaxijiet skond il-Ligi .**

**U bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta li ggib id-data tal-31 ta' Lulju, 2000 .**

**Rat il-verbal ta' l-attur maghmul illum stess, li permezz tieghu iddikjara li l-mertu f'din il-kawza jinsab kollu saldat stante pagament, pero' baqa' x'jigi deciz il-kap ta' l-ispejjez .**

**Il-Qorti ghal hekk, u fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddecidi il-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigward il-**

**mertu, minhabba l-procediment ezawrit dwar l-istess mertu, u tiddecidi dwar il-kap tal-ispejjez, billi tilqa' l-istess talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez ta' dan l-avviz, u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru, 1999 lill-attur .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si5100Pc
310